MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 38/K5/2009 |
| Data: | L-Erbgħa, 29 ta' April 2009 |
| Post: | Uffiċċu Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Ħin: | 5.00 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sindku : | Dr. Alex Sciberras |
| | Il-Viċi Sindku: | Sur Emanuel Abela |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Brincat<br>Sur Joseph Demarco<br>Sur Maurice Agius |
| | Is-Segretarju Eżekuttiv: | Sur Matthew Dimech |
| Skużata: | Il-Kunsillier: | Sinjura Maryanne Cuomo |
| Assenti: | Il-Kunsillier: | Dr. Carmelo Grima |

AĠENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li ġie ppublikat nhar il-Ġimgħa, 24 ta' April, 2009. L-Aġenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 37/K5/2008.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Approvazjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Komunita 2008-2009.
5. Approvazjoni tal-minuti u rapporti mill-Kumitati.
6. Approvazzjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.
7. Purchase Request Sheet.
8. Affarijiet oħra jekk urġenti.

**Seduta Nru 38/K5/2008**

**Punt 1 Approvazjoni tal-Minuti tas-Seduta 37/K5/2009**

1414. Is-Sindku ressaq il-minuti 37/K5/2009 bħala moqrija. Kien hemm is-segwenti korrezjonijiet.

1415. Dwar minuta 1395, M Agius qal li għanda tiżdied is-sentenza fl-aħħar tal-minuta: "Filwaqt illi M Agius oġġezjona għal din l-attivita' u dan minħabba li l-prezz kif propost kien għoli iżżejjed. Il-Kunsill approva."

1416. Dwar minuta 1397, M Agius qal li għandu jinkiteb kif ġie il-vot. Il-Kunsill qabel li tiżdied sentenza fl-aħħar tal-minuta li tgħid: "u dan wara li l-vot ġie favur erbgħa bi tlieta".

1417. Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazjoni. M Agius issekonda. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**Punt 2 Materji mill-Minuti**

1418. Dwar minuta 1376, M Agius saqsa hemmx xi materji ġodda wara li l-Kunsill kien bgħat korrispondenza reġistrata lill-Awtorita Marittima u lis-Segretarju Parlamentari Chris Said. Is-Segretarju stqarr illi filwaqt li l-ittri intbgħatu, ma kienet għada waslet l-ebda tweġiba lura.

1419. Dwar minuta 1379 (a), M Agius saqsa meta ser tingħata d-donazjoni ta' komputers. Is-Sindku qal li d-donazjoni lill-Klabb tal-Futbol ser tingħata illum wara il-laqgħa. Għal tal-mużew tal-bniet id-donazjoni għada trid tiġi koordinata. J Demarco stqarr li dawn għandom jingħataw b'kundizzjoni li jintużaw mill-għaqda, u għall-ebda skop ieħor. Il-Kunsill qabel.

1420. Dwar minuta 1380, J Demarco saqsa kienx hemm xi żviluppi dwar l-kwotazjoni għall-installar tas-sistema ICT fil-librerija. Is-Segretarju qal li għamel kuntatt mas-Segretarjat ta' Dr Chris Said fejn dawn qalulu li ma kien għad hemm l-ebda risposta s'issa. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jikteb lill-MITA, b'kopja lil Dr Chris Said, il-Ministri Dolores Cristina u Austin Gatt, fejn il-Kunsill juri x-xewqa tiegħu li jiġi offrut dan is-servizz, iżda li dan, huwa għoli ħafna. Din il-korrispondenza għanda tkun reġistrata.

1421. Dwar minuta 1382, M Agius saqsa saritx it-talba għad-devoluzjoni. Is-Segretarju qal li t-talbiet għad-devoluzjoni jistgħu jintbgħatu wara li jkunu lesti u approvati l-accounts tas-sena 2008-2009. Is-Segretarju kompla u stqarr li dwar id-devoluzjoni tas-skatepark, huwa tkellem mas-Sur Randolph Spiteri fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali fejn dan indikalu li l-Ministeru ma kienx lest li jitfi d-dwal tas-skatepark fil-ħdax ta' filgħaxija, u li d-devoluzjoni tista

tingħata, biss dan wara l-elezjoni tas-6 ta' Gunju 2009. Is-Segretarju ikkonferma li dan intqal f'telefonata u mhux b'e-mail.

1422. Dwar minuta 1384, E Brincat saqsa fiex wasal l-installar ta' *sleeping police* approvati. Is-Segretarju stqarr li qed jiġbor l-istejjem għal dan ix-xogħol.

1423. Dwar minuta 1389, E Brincat saqsa x'ġara fuq l-kawza li l-Kunsill fetaħ kontra Masquerade Company Theatre. Is-Sindku qal li l-Imħallef aċċetta l-eċċezjonijiet li resqet il-kumpanija. Issa l-partijiet għandhom jerġgħu jidru l-qorti darba oħra quddiem Assistenta Ġudizjarja.

1424. Dwar minuta 1390, M Agius saqsa jekk il-Klabb tal-futbol aċċetax l-isposorship ta' tazzi. E Brincat wieġeb fil-pożittiv.

1425. Dwar minuta 1391, E Abela qal li l-laqgħa dwar l-użu effiċjenti tal-enerġija saret, hekk kif kienet organizzata mis-Sotto Kumitat għall-Attivitajiet Soċjali.

1426. Dwar minuta 1393, fejn resident kien ilmenta li ma jkunx jista jidħol u joħrog mil-garaxx tiegħu fi Triq l-Iskola waqt id-dħul u ħrug ta' studenti, is-Segretarju qal li l-Pulizija ma iridux iħallu dan iseħħ. Il-Kunsill qabel li isir meeting mal-Għassa dwar din il-materja, filwaqt li nressqu dan l-ilment bil-miktub lill-Għassa.

1427. Dwar minuta 1394, E Abela saqsa meta ser issir il-konferenza dwar it-toroq li kellom isiru mill-ADT sas-sena 2008? Is-Sindku qal li wara li reġgħet tqajmet il-kwistjoni ma uffiċjali tal-ADT xi ftit jiem ilu, jidher illi sa fl-aħħar xi xogħlijiet fi Triq il-Ġdida fi Triq il-Balliju Guttenberg kienu bdew. Is-Sindku qara korrispondenza 0751 li tiddiskrivi ix-xogħlijiet li għandhom isiru mill-ADT f'din it-triq.

1428. Dwar minuta 1401, M Agius saqsa meta ser issir ż-żebgħa fir-*reserved parking bays* ta' Triq il-Ġdida. Is-Segretarju qal li dawn għandhom isiru mar-refreshing tal-istess triq.

1429. Dwar minuta 1408, J Demarco saqsa hemmx xi materji ġodda dwar l-irranġar tal-parti ta' Triq il-Ġdida fejn tgħalaq. Is-Sindku qal li l-Kunsill informa lill-Perit ilesti pjanta sabiex din tiġi sottomessa għal fondi tal-Urban Improvement Fund.

**Punt 3 Korrispondenza**

1430. 0676 - Is-Sindku qara l-ittra dwar il-ħinijiet restritti ta' reserved parking quddiem l-ispiżeriji li ser jgħamlu parti mis-skema *Pharmacy of Your Choice*. Il-Kunsill qabel.

1431. 0707, 0705 - Is-Sindku qara Memo 25/2009 dwar fondi speċjali għall-lokalitajiet. Il-Kunsill qabel li naplikaw għal fondi speċjali sabiex isiru s-segwenti xogħlijiet: (a) aktar tindif minħabba l-ammont ta' skejjel li hawn fil-lokalita', (b) aktar xogħlijiet u manutenzjoni fuq traffic management, (c) aktar xogħlijiet fuq materji relatati mal-għargħar bħal tindif, tiswija u tindif ta' culverts (d) aktar fondi sabiex isiru xogħlijiet strutturali fuq-toroq residenzjali. Il-Kunsill qabel.

1432. 0749 - Is-Sindku spjega li din hija korrispondenza bejn is-Segretarju Eżekuttiv u Ufficjali tal-MEUSAC, dwar kif għanda tiproċedi l-applikazzjoni tal-Kunsill għal fondi mill-EU sabiex isir embellishment fil-ġnien ta' quddiem il-Knisja Parrokjali. Is-Sindku ikkonferma li l-applikazzjoni għanda issir fix-xhur tas-sajf 2009.

1433. 0756 - Is-Sindku qara Memo 27/2009, fejn id-Dipartiment għal Gvern Lokali qed jinforma lill-Kunsilli Lokali illi l-laqgħat tal-Kunsill għandhom jibdew bejn 5.30pm u 7.00pm, u dan sabiex il-laqgħat ikunu aktar aċċessibli għar-residenti. Il-Kunsill qabel illi l-laqgħa tibda issir fil-5.30pm.

**Punt 4 Approvazjoni tal-Minuti tal-laqgha tal-Komunita 2008-2009.**

1434. J Demarco ħareġ mill-laqgħa. }in: 18.11

1435. Is-Sindku qara l-minuti tal-laqgħa tal-komunita.

1436. J Demarco daħal fil-laqgħa. }in: 18.16

1437. Dwar suġġeriment numru 1, is-Sindku qal li dan huwa suġġeriment validu, peress li hemm bzonn li ssir manutenzjoni radikali fi Triq il-Punent. Is-Sindku ressaq sabiex issir stima preliminarja għal dan ix-xogħol, inkluż manutenzjoni tal-bankini.

1438. Dwar suġġeriment numru 2, il-Kunsill ressaq sabiex l-ħaddiema tal-IPSL jitfgħu spirtu tal-melħ fuq it-taraġ sabiex dan ma jibqax jiżloq.

1439. Dwar suġġeriment numru 3, is-Sindku wera ix-xewqa li Kunsill li jmiss jibda indaġni serja dwar l-abbuż ta' garages/stores fil-lokalita, u fejn dawn ma humiex jintużaw bħala garaxxijiet, jitneħħew il-kaxxi sofor.

1440. Dwar suġġeriment numru 4, il-Kunsill stqarr li dan is-servizz diġa jeżisti u s-sinjura li ilmentat ma kienetx infurmata bis-servizz. Dwar it-traffiku fi Triq il-Kunċizjoni, il-Kunsill fehem li din tista biss tissolva la darba tinfetaħ Triq ta' Xmiexi ma' Triq San Lwigi.

**Punt 5 Approvazjoni tal-Minuti u Rapporti mill-Kumitati**

1441. Mill-Kumitat Offerti Publiċi, s-Sindku qal li l-Kuntratti dwar Manutenzjoni fil-Lokal u Manutenzjoni ta' Dwal tat-Toroq ser jinħargu għal publiku f'nofs Mejju 2009.
1442. Is-Sindku qal li d-Dipartiment għal Gvern Lokali ħareġ *specimen* ġdid għat-tender ta' ġbir ta' skart. Il-Kunsill qabel li sakemm tasal direttiva mid-Dipartiment sabiex il-Kunsill jibda jopera b'dan it-tender il-ġdid, il-Kunsill jibqa jopera bl-arranġament preżenti.

**Punt 6 Approvazjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet**

1443. Is-Sindku ressaq il-lista ta' pagamenti tal-kontijiet K5/Min38 għall-approvazjoni. M Agius issekonda. Il-Kunsill approva l-pagamenti tal-kontijiet. Il-lista ġiet iffirmata mis-Sindku, M Agius u s-Segretarju Eżekuttiv.

**Punt 7 Affarijiet oħra jekk urgenti**

1444. M Agius qal li għandom isiru bollards quddiem numri 23 u 4 fi Triq il-Ġdida.

1445. M Agius qal li fi Triq San Lwigi qed ikun hemm konġestjoni ta' traffiku. Il-Kunsill qabel li jiġu installati tabelli 'Give Way' fit-triq.

1446. E Abela qal li l-Kunsill għandu jikteb lid-Dipartiment għas-Servizzi Socjali li l-Kunsill qed jirċievi ilmenti li l-ufficji tagħhom fi Triq Rue D'Argens ma humiex aċċessibli għal-persuni b'disabilta u anzjani.

1447. E Brincat ressaq sabiex isir billboard fi Ġnien l-Irmigg u sabiex ninsistu mal-Awtorita Marittima sabiex isir progress fuq il-ħajt ta' quddiem il-Knisja.

1448. J Demarco qal li għanda teħel plakka mal-faċċata tal-Kunsill Lokali li tindika il-ħinijiet tal-ftuħ kemm tal-Kunsill, hekk kif ukoll tal-Librerija.

1449. Ill-laqgħa ntemmet. }in: 19.00

Approvati llum ________________________________

Dott. Alexander Sciberras
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju Ezekuttiv